MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 702/2003

**Maltacom p.lc.**

**vs**

**Zoqdi HydroRocks Construction Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April, 2003 fejn intalab illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm313.18) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat minnhom ikkagunati lil proprjeta' ta' l-istess socjeta' mittenti waqt xogholijiet fit-Telgha tas-Saqqajja, fl-2001, skond invoice mibghut lilhom bin-numru 10132 (GT1/2001/79), kopja tieghu anessa markata Dok A.**

**Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ufficjali, u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta' konvenuta fit-13 ta' Mejju, 2003 fejn intqal:**
**1. Preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**2. Fil-meritu, is-socjeta' konvenuta ma kienetx responsabbli ghall-hsara li s-socjeta' attrici tallega li garrbet fl-incident de quo.**
**3. Ghalhekk, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha ggib prova skond il-Ligi tad-danni pretizi minnha.**
**4. In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tad-danni.**
**5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi u bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**Sema' x-xhieda ta' Victor Busuttil, Joseph Bonnici u Raymond Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' d-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi: « l-azzjoni ghal hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn. »**
**2. Skond l-invoice esebit ma' l-avviz datat 22 ta' Mejju, 2002 jirrizulta li kien hemm hsarat f'cable tat-telephone f'xogholijiet li saru fit-Telgha tas-Saqqajja, Rabat u dana fid-19 ta' Ottubru, 2001, ghalhekk ma jirrizultax illi l-azzjoni hija preskritta u dana peress illi l-kawza giet intavolata fil-hin.**

**3. Dwar il-meritu Joseph Bonnici l-overseer tas-socjeta’ attrici jispjega illi fuq il-post kienet qed tahdem is-socjeta’ konvenuta, u hu kien ghamlilhom il-marki dwar fejn kien hemm il-cable. Skond l-istess xhud meta mar staqsa x’gara wiehed mis-sidien, tas-socjeta’ konvenuta, certu Joe maghruf bhala Zoqdi, li kien qallu zelaqlu l-jackhammer.**
**4. Victor Busuttil senior technician fl-overseer’s section tas-socjeta’ attrici spjega li fl-4 ta’ Ottubru kienu cemplulu mis-socjeta’ konvenuta sabiexf jibghat persuna jimmarka fejn hemm il-cables, u fil-fatt kien baghat lil Joseph Bonnici. Mir-ritratti Dok VB 2 sa VB 6 juru l-marki illi fil-fatt kienu saru. Sussegwentement l-istess xhud kien ircieva telefonata minghand Dominic Cauchi officer in charge tal-cable section dwar il-hsara fil-cables. Dan Cauchi kien gie nformat minn impjegat tas-socjeta’ konvenuta dwar li kienu ntlaqtu l-cables.**
**5. Raymond Camilleri, direttur tas-socjeta` konvenuta, ikkonferma li kienu talbu s-soliti permessi qabel ma bdew ix-xoghol, meta kienu qed iqattghu kien hemm pipe tal-plastic li ntlaqat bil-fis. Dan il-pipe tal-plastic suppost li kien fil-konkos. Jirrizulta mid-deposizzjoni ta’ l-istess illi dak il-hin ta’ l-incident ma kienux qed jintuzaw ingenji kbar, izda l-fis, u dana proprju minhabba li kien hemm immarkat mill-Maltacom li kien hemm l-cables ghaddejjin.**
**6. Jirrizulta mill-provi mislumgha illi s-socjeta` konvenuta kienet hadet l-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma ssirx hsara. Kien hemm cable li suppost kien ghaddej fil-konkos u dana minflok ghaddewh minn barra. Ma setghax l-konvenut jipprevedi li ser jkun hemm dan il-cable ghaddej minn hemm. Konsegwentement ma ghandu ebda htija ghall-qtugh tal-cable in kwistjoni u ma ghandu ibati ebda danni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, qed jichad it-talba tas-socjeta` attrici.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------